**8 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Mallia

**Manteniment**

*Għall-finijiet ta' kawża penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravvenzjonali fl-artikolu 338 (ż) tal-Kodiċi Kriminali, hu rrilevanti meta ġiet intavolata l-kawża ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet oriġinali; ġaladarba l-ordni*

*kkontenut f'dak id-digriet ma kienx ġie espressament irrevokat jew altrimenti mibdul mis-Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonċiljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti oħra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni għall-ħlas tal-manteniment jibqa' validu għall-finijiet u effetti kollha ta' dan l-artikolu.*

*Il-fatt li jkun hemm xi forma ta' ftehim bejn mara u raġel li jipprovdi għal modalità ta' manteniment differenti minn kif ordnat mis-Sekond'Awla, liema ftehim ma jkunx ġie ssanzjonat minn dik il-Qorti, ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għall-finijiet ta' kawża penali. L-artikolu 338 (ż) jikkontempla reat kontra l-ordni pubbliku, u mhux reat kontra l-proprjetà jew kontra l-persuna. Il-leġislatur kjarament ried, anke bħala linja ta'* public policy, *li l-ordnijiet ta' Qorti Ċivili kompetenti in materja ta' manteniment jiġu osservati indipendentement mill-volontà tal-partijiet ikkonċernati (u salv dejjem l-effett ta' rikonċiljazzjoni skond il-liġi). Hu sinifikanti infatti li għall-prosekuzzjoni ta' dana r-reat mhix meħtieġa l-kwerela tal-parti leża (bħalma hi, per eżempju, meħtieġa fil-każ tal-kontravvenzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 339 (1) (d), (e), (l) u (o) tal-Kodiċi Kriminali). Ir-reat hu prosegwibbli* ex officio *mill-Pulizija Esekuttiva.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Mario Mallia talli fil-ġimgħat preċedenti t-30 ta' Setembru, 1997 naqas li jobdi l-ordni lilu mogħti mill-Qorti Ċivili Sekond'Awla fit-18 ta' Frar, 1997 b'digriet numru 214/97 liema digriet ġie rrinovat fil-25 ta' Ġunju, 1997 biex jagħti s-somma ta' ħamsin lira (Lm50) fil-ġimgħa lil martu Pierina Mallia u lil uliedhom minuri Deborah ta' ħmistax-il sena, Ilian ta' ħdax-il sena u Aaron ta' erba' snin u nofs;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta'

Ottubru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Mallia ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Mallia, minnu ppreżentat fit-30 ta' Ottubru, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; *semgħet il-provi inkluż lill-*appellant minn jeddu; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant għandu erba' aggravji. Il-Qorti ser tibda biex tikkunsidra t-tielet aggravju. Skond l-appellant hu ma ġiex innotifikat bil-proroga tad-digriet oriġinali, jiġifieri bid-digriet tal-25 ta' Ġunju, 1997 li pproroga d-digriet preċedenti tat-18 ta' Frar, 1997. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tispjega aktar minn darba, għall-finijiet ta' kawża penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (ż) ta' l-artikolu 338 tal-Kap. 9, hu rrelevanti meta ġiet intavolata l-kawża ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o *meno* proroga tad-digriet oriġinali; ġaladarba l-ordni kkontenut f'dak id-digriet ma kienx ġie espressament irrevokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla (u salv il-prova ta' rikonċiljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti oħra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni għall-ħlas tal-manteniment jibqa' validu għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikollu 338 (ż) tal-Kodiċi Kriminali - ara f'dan is-sens **Il-Pulizija *vs* Lawrence Cilia**, App. Krim. 10/3/95, u **Il-Pulizija *vs* Carmelo Farrugia**, App. Krim. 23 ta' Jannar, 1998 (App. nru. 161/97). Għalhekk dana l-aggravju qed *jiġi respint*;

L-ewwel u t-tieni aggravji, meħuda flimkien, huma bażikament li bejn l-appellant u martu kien hemm xi forma ta'

ftehim - li kien jipprovdi għal modalità ta' manteniment differenti minn kif ordnat mis-Sekond'Awla - liema ftehim ġab fix-xejn billi ssorpassa l-ordni ta' dik il-Qorti. Tali ftehim, iżda, jekk ma jkunx ġie ssanzjonat minn dik il-Qorti (Sekond'Awla jew Prim'Awla, skond il-każ) ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għall-finijiet tal-kawża penali bħal dik in diżamina. L-artikolu 338 (ż) jikkontempla reat kontra l-ordni pubbliku, u mhux reat kontra l-proprjetà jew kontra l-persuna. Il-leġislatur kjarament ried, anke bħala linja ta' *public policy*, li l-ordnijiet ta' Qorti Ċivili kompetenti in materja ta' manteniment jiġu osservati indipendentement mill-volontà tal-partijiet ikkonċernati (u salv dejjem l-effett ta' rikonċiljazzjoni skond il-liġi). Hu sinifikanti infatti li għall-prosekuzzjoni ta' dana r-reat mhix meħtieġa l-kwerela tal-parti leża (bħalma hi, per eżempju, meħtieġa fil-każ tal-kontravvenzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 339 (1) (d), (e), (l) u (o) tal-Kap. (9). Ir-reat hu prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Esekuttiva. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint, u dan apparti l-fatt li tali ftehim bejn l-appellant u martu ma jirriżultax ippruvat anqas fuq bażi ta' probabbilità;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu ħallas, permezz tal-konsulent legali tiegħu, somma flus li tkopri l-manteniment għall-perijodu inkriminat u li b'din is-somma ġie li addirittura ħallas aktar milli kien ġie ordnat. Mill-provi din il-Qorti hi sodisfatta li din is-somma tħallset bħala arretrati ta' dak li kien dovut, u li dan tħallas ferm wara l-ħmistax-il jum imsemmi fil-paragrafu (ż) ta' l-artikolu 338;

Kwantu għall-piena, però, din il-Qorti tara li hemm lok tal-provvediment infraskritt;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokha biss f'dik il-parti fejn

ikkundannat lill-appellant Mario Mallia għal xahar detenzjoni u minflok tilliberah taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkommetti ebda reat ieħor matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar li jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu tal-liberazzjoni taħt kondizzjoni hu jkun jista' jiġi kkundannat għar-reat oriġinali.